MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 361/2011

**Bank of Valletta p.l.c**

**Vs**

**Hubert Agius u Elaine Agius**

**Il-Qorti,**

Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat r-rikors promoter nhar il-25 ta' Ottubru 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef u tmintax-il Ewro u disgha centezmi (€5,018.09) bilanc ghad-debitu fil-'*loan account'* taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa A5) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra Hubert Agius mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra minnu dovuti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficcjali datati 25 ta' Frar 2009 u 18 ta' Lulju 2011 (Dok 'B' u 'C') u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Elaine Agius pprezentata fil-25 ta' Novembru 2011 fejn eccepixxiet is-segwenti:

*1.* "*Illi preliminarjament l-eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u b'hekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ma jistghux jitresqu fil-konfront taghha stante li a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 9 ta' Lulju 2008 redatt bejn l-eccipjenti u l-konvenut zewgha Hubert Agius fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi, il-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm ezistenti bejn il-konvenuti kienet giet xolta u likwidata b'tali mod li kwalsiasi dejn li kien hemm mas-socjeta' attrici Bank of Valletta plc gie assenjat u trasferit lill-konvenut Hubert Agius wahdu li ghaldaqstant assuma r-responsabilita' ghall-istess dejn. Dan kollu jirrizulta kjarament fl-Artikolu 11A (vi) fil-kuntratt ta' seprazzjoni sucitat anness u mmarkat bhala Dok. EA1, u ghaldaqstant kwalsiasi pretensjoni fir-rigward ta' kwalunkwe ammont dovut lis-socjeta' attrici ghandu jwiegeb ghaliha l-konvenut Hubert Agius wahdu..*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici qed jigi kontestat stante li mid-dokumenti prodotti mat-talba pezentata mill-istess socjeta' attrici ma hemmx kjarezza dwar kif din waslet ghas-somma ta' hamest elef, tmintax-il Ewro u disa' centezmi (€5,018.09) mitluba minnha.*

3. *Salv eccezzjonijiet ohra*."

Rat ix-xhieda ta' **Rose Cortis** li xehdet nhar il-15 ta' Frar 2012 ghan-nom tal-bank attrici fejn kkonfermat li hija tokkupa l-kariga ta' litigation officer mal-bank attrici, Bank of Valletta. Spjegat li b'referenza ghall-ewwel account intestat f-isem Hubert u Elaine Agius li nfetah nhar il-21 ta' Dicembru 2006, illum il-gurnata ghad hemm bilanc bl-ammont ta' hamest elef tmintax-il Ewro u disa' centezmi

(€5,018.09) kif indikat fir-rikors promotur. Ikkonfermat ukoll li minn mindu giet prezentata din il-kawza sal-lum ma' sar l-ebda' pagament akkont. Qalet ukoll li huma qed jitolbu l-imghaxijiet permezz ta' l-ittra ufficcjali datata 25 ta' Frar 2009. Mistoqsija tispjega x'tip ta' kont kien, wiegbet li dan fil-fatt kien *loan account*, mehud skont is-*sanction letter* iffirmata mill-istess konvenuti. Mistoqsija tispjega kif effattivament l-ammont in kwistjoni tela' daqshekk, ghamlet referenza ghall-*istatements of accounts* esebit fl-atti mmarkat bhala dokument A1 at fol 2 et seq tal-process u hemmhekk hemm indikat kull meta inhareg cekk minn dan l-istess bank. L-i*statements of accounts* ma jindikawx min miz-zewg konvenuti effettivament irtira dan il-ftehim.

Il-konvenuta **Elanie Agius** xehdet fit-28 ta' Marzu 2012 fejn iddikjarat li hi qatt ma' rciviet statements jew talba mil-bank sabiex thallas salv ghall-ittra ufficcjali esebita fl-atti. In segwitu li rciviet l-ittra ufficcjali, hija kienet marret u kellmet lil Edmond Sacco ghan-nom tal-bank u qaltlu li hija kienet isseparat minn mar-ragel taghha Hubert u li fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejniethom, ir-ragel taghha kien assuma l-obbligu li jkompli jhallas loan mal-bank. Fil-fatt huwa qalilha wkoll li huwa ma kienx qed iffittex lilha, izda kien qed iffittex lil Hubert u kien jaf bil-kuntratt tas-separazzjoni taghhom. Skont ma' qalilha l-istess Sacco, Hubert Agius beda' jaghmel il-pagamenti akkont pero' sussugwentament kien waqaf. Pero' hu ma setghax jaqlaghha mil-loan. Tenniet li kellha tkun il-Qorti li taghmel dan u ghalhekk spiccat hawn.
Hija tistqarr li meta huma ghamlu l-kuntratt tas-separazzjoni kienu ftehmu min kien ser ihallas liema loan, fil-fatt kellhom loan kbira ta' sebghin elf lira maltin u kienu bieghu d-dar biex ihallsu dan il-loan, liema dar kienet propjeta' taghha parafernali. Pero' dwar il-loan iz-zghira li kien hemm cioe' dik presenti, hija tahseb li dak iz-zmien kienet ta' xi elfejn lira. Din kien assumiha r-ragel taghha. Hija taf li effettivament kellhom loan zghira u cioe' dik presenti u taf ukoll li meta kienu ghamlu s-separazzjoni kienu t-tnejn responsabli ghal din il-loan. Din il-loan li hija semmiet fix-xhieda taghha ta' elfejn lira maltin hija loan attwali. Mistoqsija jekk kinitx tircievi statements meta

kienet tghix fil-font Sardinella gewwa Haz-Zabbar tenniet li llum il-gurnata ma tiftakarx.

Hija tistqarr li huma damu mizzewwgin kwazi hmistax il-sena. Pero' ma tiftakarx meta hadu l-loan mertu tal-kawza u fuq x'hiex intefqet din il-loan. Huwa minnu li Hubert kien mar ikellem lil Edmond Sacco u kienu ftehmu li Hubert kellu fil-fatt ihallas pagamenti mensili. Edmond Sacco qalilha li ma setghax jaqlaghha mil-loan u kellha tkun il-Qorti li taghmel dan. Mhux minnu dak li gie ssugerit lilha minn Dr Cassar li l-bank qalilha li ma kienx ser jaqlaghha mill-kont. Hija kienet separata di facto minn ma' zewgha tlett snin jew erba' minn qabel ma ffirmat il-kuntratt, u qalet li minn dak iz-zmien stess ir-residenzi taghhon kienu separati. U hija ma kienetx taf bil-korrespondenza li kien jircievi zewgha. Mistoqsija jekk Edmond Sacco kellux xi ftehim bil-miktub jew verbali qalet li hi tahseb li kellu bit-tnejn ghaliex Edmond Sacco kien uriha xi file u fih kien hemm xi emails, kopji pero' ta' dawn l-emails ma' taghhiex.

Illi nhar it-18 ta' April 2012 xehed **Edmond Sacco** impjegat tas-socjeta' Bank of Valletta li ddikjara li huwa ilu jahdem bhala relations officer fi hdan il-Bank of Valletta ghal dawn l-ahhar erba' snin, gewwa ir-recoveries department tal-bank. Ikkonferma li l-kont tal-konjugi Hubert u Elaine Agius kien f'idejh. Mistoqsi jekk kienx hemm xi diskussjonijiet flimkien ma' Elaine Agius qabel ma' nfethet il-kawza in kwistjoni, tenna li effettivament kien hemm zewg okkazzjonijiet, wahda minnhom f'Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) u ricentament anke fi Frar tas-sena elfejn u tnax (2012). Mistoqsi x'diskors intqal f'referenza ghal kont wiegeb li kemm hu kif ukoll Miss Jane Mifsud, li hija l-head tad-dipartiment, dejjem infurmawha lill-Elaine Agius li kienet ghada risponsabbli ghad-debitu flimkien ma' zewgha li kien inghata originarjament lilhom. U dan minkejja li kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazjoni. Naturalment il-bank dejjem infurmha li huwa kien qed jistenna l-ezitu tal-Qorti. Hija hasset ruha li l-bank kien injust fil-konfront taghha meta hareg mandat ta' sekwestru pero' huma spjegawlha li huma kellhom jistennew l-ezitu ta' din il-kawza. Qal li

ma’ Mr Agius huwa kien ghamel kuntatt mieghu anke tramite emails, ghalkemm qatt ma’ ltaqa’ mieghu personalment. Fil-fatt lanqas ma’ Mrs Agius qatt ma’ ltaqa’, hlief f’dik l-okkazzjoni li huwa semma aktar ‘il quddiem u cioe’ f’Gunju meta huwa kien ta dik l-ispjegazzjoni.
Mistoqsi jekk effettivament, in segwitu tal-emails li huwa kien bghat lis-sur Hubert Agius, kienx ghamel xi pagamenti, wiegeb li effettivament kien ghamel. Ftakar darba minnhom li kien ghamel deposit permezz ta’ cheque u huwa baqa’ jikkommunika mieghu fejn talbu jkompli bil-pagamenti, pero’ dan nonostante ghal xi zmien il-korrespondenza inqatet u ma’ ghamilx aktar pagamenti u ghalhekk kellhom jirrikorru lejn il-Qorti. Elaine Agius qatt ma’ rceviet xi emails li x-xhud kien qed jibghat lil Hubert Agius. Mistoqsi, jekk huma baghtux xi korrespondenza lil Elaine Agius tenna li jekk jiftakar sew mil-memorja kienu baghatulha ittra bonarja kif ukoll il-call letter tal-bank. Kopja ta’ din l-ittra bonarja tinsab inserita fl-atti. Minkejja li kien hemm il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn Hubert u Elaine Agius, huma lil Mrs Agius dejjem qalulha li hija baqghet responsabbli ghad-djun. Mistoqsi ghaliex huma kienu qeghdin jibghatu l-emails lilu biss qal li kienu qed jaghmlu hekk peress li Hubert Agius kien dejjem iprometta li kien ser ihallas. Il-bank kull ma’ jinterresah huwa li jigbor flusu. Huma dejjem qalu lil Ms Elaine Agius li nonostante il-kuntratt taghha, hija dejjem baqghet responsabbli. Naturment huma mbaghad jonoraw is-sentenza moghtija mil-Qorti. Mistoqsi jekk sarux xi depositi minn mindu nfethet il-kawza, wiegeb li sa fejn naf hu ma kienux saru.

Ikkunsidrat:

Illi jigi rilevat minnufih li l-konvenut Hubert Agius kien pprezenta nota ta’ ammissjoni nhar il-15 ta’ Frar 2012 fejn assuma r-responsabilita’ tal-kreditu tal-Bank attrici, liema nota tinsab inserita fl-atti a fol. 35.

Illi fir-rigward l-konvenuta Elaine Agius pero’ l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg eccezzjonijiet taghha, liema eccezzjonijiet ghandhom jigu trattati minnha.

Fl-ewwel lok ecceppiet li hija mhiex il-legittimu kontradittur tal-Bank attrici peress li a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 9 ta' Lulju 2008 l-konvenut Hubert Agius kien assuma d-dejn li kellhom mal-Bank attrici u ghalhekk temmen li kwalsiasi pretensjoni li ghandu il-Bank ghandu jigi versat lejn il-konvenut.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l- Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet,*

*tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) aktar ricenti nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**<u>Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti</u>'** jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti mill-Bank attrici jirrizulta li effettivament il-kont kurrenti numru 40015395702 jghajjat kemm lill-konvenuta kif ukoll lill-konvenut. Illi dan il-fatt mhux kontestat u fil-fatt huwa kkonfermat mir-rapprezentant tal-Bank Edmond Sacco li jghid li l-kont kien infetah f'isem il-konjugi Agius u li in segwitu meta ra li l-konjugi ma kienux qed jaghmlu pagamenti kien baghtilhom interpellanza sabiex ihalsu. Jghid li huwa kien tkellem kemm mal-konvenut li kien obbliga ruhu li jhallas il-kont kif ukoll lil konvenuta li qalet li taf bil-kont ghaliex fil-fatt anke fil-kuntratt ta' separazzjoni taghha esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok EA1 a fol. 23 et seq hemm referenza ghal dan il-kreditu tal-Bank.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li isegwi li l-konvenuta hija wkoll il-legittimu kontradittur tal-Bank flimkien ma' zewgha l-konvenut ghaliex l-Bank qatt ma deher fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u qabel ma' dak li seta gie miftiehem bejn il-konjugi. Il-Bank li huwa kreditur tal-konjugi huwa estraneju ghal dan il-fehim tal-partijiet u ghalhekk mhux marbut bih. M'hemmx dubju li l-kuntratt redatt minn Nutar Tonio Cauchi nhar id-9 ta' Lulju 2008 bla dubju ta' xejn jammonta ghal *res inter alios acta* bejn il-firmatarji tieghu. Jirrizulta li dan il-kreditu kien gie mehud mill-konjugi meta kienu ghadhom jghixu flimkien bhala koppja u ghalhekk

kien hemm vigenti il-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dan il-kreditu irid jigi saldat mill-istess konvenuti in solidum.

Il-konvenuta Elaine Agius fl-eccezzjonijiet taghha tghid li fil-kuntratt ta’ separazzjoni esebit u mmarkat Dok EA1 il-konvenut Hubert Agius kien assuma id-dejn hu. Ghalkemm il-Qorti ma setghetx tara fejn kien hemm tali klawsola ghaliex dak citat minnha u cioe’ l -klawsola 11A (iv) ma tirrizultax citata fil-kuntratt esebit. Anke pero’ in pessima ipotesi li kieku kien hemm dan l-arrangament jew diskors ta’ bejniethom dan ma jissollevahiex mid-dover taghha lejn il-Bank  attrici ghar-restituzzjoni tad-debitu, ghaliex l-istess bank hu estraneu ghal kwalunkwe arrangament li jista’ jsir bejn il-koppja.  Ghalhekk tali eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta tikkontesta l-ammont mitlub mill-Bank attricighaliex fil-fehma taghha mid-dokumenti prodotti ma hemmx kjarezza ta’ kif din waslet ghas-somma mitluba minnha.

Illi l-Bank ressaq bhala xhud lil Edmond Sacco jixhed u jghid li l-ammont mitlub fir-rikors promotur kien ghadu kollu dovut ghaliex pendenti litis il-konvenuti ma ghamlu l-ebda pagament. Il-konvenuta ghalkemm eccepiet din it-tieni eccezzjoni ma resqet l-ebda prova sabiex tikkontesta it-talba mitluba mill-Bank u ma ghamlet l-ebda domanda lir-rapprezentant tal-Bank fejn talbitu kif wasal ghas-somma mitluba minnu minkejja l-eccezzjoni taghha f’dan is-sens u ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta ma irnexxiliex tipprova din it-tieni eccezzjoni.

**Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi, tilqa’ t-talbiet attrici stante li gew ippruvati u korroborati u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Elaine Agius, u b’hekk:**

**Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Elaine u Hubert Agius ihallsu lill-Bank attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef u tmintax-il**

**Ewro u disgha centezmi (€5,018.09),** ***flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mis-7 ta' Settembru 2011 sad-data tal-jum tal-pagament effettiv.****

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficcjali tal-25 ta' Frar 2009 u tat- 18 ta' Lulju 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors a karigu tal-konvenuti in solidum.**

**kliem mizjud b'digriet moghti fit-3 ta' Lulju 2012 fuq rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fil-21 ta' Mejju 2012.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------